MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 142/2015

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu ippremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmintax (18) ta’ Ottubru ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u tmenin (1987) (Ara Dok A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg ulied, llum lkoll maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Jonathan Vella mit-tlettax (13) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Ara B anness);

Illi m’hemm l-ebda manteniment dovut f’dan l-istadju favur l-wild tal-partijiet stante illi skont it-termini tal-istess kuntratt (Ara Dok ‘B’, klawsola numru hdax (11) ittra ‘i’ (11i), l-intimat kien dovut imantni lill-ulied u dan qatt ma naqas illi jaghmlu u ghaldaqstant lanqas m’hemm arretrati ta’ manteniment dovuti f’dan ir-rigward;

Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B, Klawsola numru erbgha (4)) il-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin, u ghalhekk ma hemmx manteniment dovut;

Illi m’hemm l-ebda prospettt ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minhabba li ilhom mifrudin ghal iktar minn sitt (6) snin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament tieghu, li permezz taghha iddikjara :

Illi ma ghandu l-ebda oggezzjoni la ghad-divorzju, la li ir-rikorrenti tirriverti kunjomha xebba u kif hemm miktub fir-rikors ma hemm l-ebda manteniment dovut stante li uliedhom huma maggorenni;

Illi barra minn hekk l-esponenti jitlob li l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' April 2015;

Rat illi permezz ta' rikors ir-rikorrenti talbet sabiex tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Micallef u illi l-Qorti laqghatilha din it-talba b'digriet tat-23 ta' April, 2015 u ghalhekk il-Qorti tordna li dan kollu jingieb a konjizzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta’ Ottubru 2008 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Micallef, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------